# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, ID-19 TA AŬISSU, 1913. Nru. 78.


*Inbiercu b'kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. Arciskof u Iskof.

## Il Krâr.

Taħsbux li aħna gejjin b'xi priedca minn daŭc tar-Randan. M'hux dmirna li naghmluha. U il *Habib* m'hux kieghed ghall priedchi bħal daŭc, ghad li ghandu fost il chittieba tieghu l'actar nies imsemmija ghalihom. Le: m'aħniex sejjrin nitchellmu fuk il *Krâr* biex nuru il kdusija tieghu fil Cnisja ta Gesù Cristu, contra daŭc li sicŭit iħanbku u ighidu mit elf ħmerija fuku f'cotba ħżiena li haŭn jiġru fl'idejn! Le: sejjrin nghidu biss fatt li ġara haŭn Malta, il gimgha li ghaddiet, kuddiem Korti tal Magistrati, ħalli nuru il *Krâr* chemm hu ta fejda cbira biex jista' isir il Hakk seŭŭa, ghalavolja f'caŭżi ċchejcnin; u dan il fatt nistghu naħelfu ghaliħ aħna stess, ghax chien f'idejna.

Ingiebet mara kuddiem il Korti, biex tcun maghduda ma daŭc in-nisa iddisgrazzjati li ma jixrakx insemmuhom haŭn b'isimhom: u ix-xhieda imtellghin contra taħħa chienu ħafna, ma dŭar tnax, collha girien: imma il biċċa il cbira ma gharfu ighidu xejn fukha; anzi, qŭasi collha kâlu li jafuha mara qŭieta u miġbura f'darha. Fl'aħħar, imbaghd, inkalghu tnejn, li kâlu collox contra; u, scond ix-xhieda ta daŭn, il Magistrat chellu jiccundannaha. Imma chif ilakka' ix-xhieda taħħom ma daŭc il ħafna li kâlu xort'oħra?... Deher ċar li il Magistrat chien kieghed iħoss ruħu bejn in-nar u l'ilma! U diġà chien ħalla il caŭża ghal ŭara l'oħrajn collha, biex jaħsibha tajjeb kabel ma jati is-sentenza......

Ħabta u sabta, gieħ id-dehen li jibghat ghal ŭaħda mix-xhieda li chienu xehdu tmien ti jem kabel, fl'eŭŭel seduta, biex jarġa igharbilha aħjar, ghax deherlu li dic actarx chienet taf xi ħaġa iżjed milli kalet: u ix-xhud giet malajr malli marru ghaliha.

Tafu x'ġara fit-tieni xhieda?... Dic, bla temtim xejn, kalet collox: u kalet ucoll li chienet *karret* chif xehdet l'eŭŭel darba; u li il *Confessur* chien ŭiddibha li *messha tghid collox chif chien*, bħalma ghamlet, mghallma minnu, it-tieni darba!

Sa chemm stkarret dan, l'imsejcna chienet sejjra tinfexx f'bichja; u chien jidher ċar li ma chienetx gibdet fil kasir bi ħżunija, anzi biex taghmel il gid. Araŭ chemm hu hecc li il Magistrat stess ħâdha bil ħleŭŭa u kalilha li raġa baghat ghaliha ghax chellu fidi fiha u ried jokghod fuk ix-xhieda taħħa.

Frattant, il Hakk sâr seŭŭa u il Magistrat tà is-sentenza tieghu bi qŭietu. Iżda ma jidhrilcomx li l'acbar ghajnuna gietu mil *Cunfessjunarju?!*

## X'ighidu ghalina fuk il Cungress.

*(Jissocta mal ghdd 76)*

*(Monsinjur Portelli mar fissrilhom illi Malta fejn jinsabu b'ghożża cbira midfunin ulied il ghonja u il Cbarat tal Europa collha, stħokkilha u xerkilha iva bil jedd collu li fiha isir Cungress Internazzjonali; u Patri Sammut żied ighid li da'l Cungress sar haŭnecc f'ŭaktu u f'ħinu, u seŭŭa seŭ gheluk iż-żmien taċ-Centenarju tal bolla li biha giè mŭakkaff'di 'l gżira l'Ordni tal Cavalieri ta Malta. Dic il bolla giet moghtija mil Papa Bascal Tnejn, nhar il jum tal 15 ta Frar 1113, seŭŭa seŭ 800 sena ilu. Tinsab merfugha fl'Armerija tal Palazz tal Gvernatur; u compla tà id-dakka ta li mghallem xhin kâl li fil leŭn tal bandiera maltija, abjad u aħmar, haŭn jilmaħ kuddiem ghajnejħ ix-xbiħa tad-demm u tal ilma li ħarġu mis-Sider ta Gesù fuk is-salib, li huma ucoll ix-xbiħa ghażiża tal'Eŭcaristija.*

*Portelli u Sammut (chif ucoll il Cardinal Ferrata, l'Iskof Heylen u l'Arci-Iskof ta Malta) tchellmu bit-taljan, Mattei bl'ingliż u l'Iskof Canadis bil franciż; u ilcoll ħabircu filli iħeġġu lil cullħadd b'li-mħabba ghall Gesù fl' Ostja tat-Tkarbin.)*

Fil Lakghât li saru fil ġranet l'oħra,—il Ħamis, il Gimgha u is-Sibt—ħassejna ucoll il kalbna titfarraġ b'hena tas-Sema, xhin ghorrief oħrajn tant seculari chemm nies tal Cnisja, bil-lsien ta pajjiżhom u b'taħditiet ŭaħda isbaħ minn oħra, smajnihom ifaħħru dlonc il glorji ta Gesù Sagramentat. X'uħud minnhom, daŭn il ghorrief, huma-u-jitchellmu b'dic il ħrara hecc cbira ta kalbhom u b'dac il ġmiel ta gherf li ureŭ, ghaġġbu u scantaŭ il cullħadd,—bħallichiecu, nghidu aħna, il Professur Cuschieri, Patri tal Carmnu; il Patri Gemelli; il Cardinal Bourne; il Canôncu Desgranges, president tal *junesse catholique* (gioventù cattolica ta Franza); u fost is-seculari ta Malta l'Avucat Mercieca,, il Magistrat Cremona, it-Tabib Inglott. Fl'aħħar lakgha, imbghad, ta nhar is-sibt, tchellem ucoll l'Arciskof ta Sivilja, il Cardinal Almaraz y Santos, fost l'acbar ghaxka u hena ta dic il katgha Spanjoli li chienu siefru taħt it-trigija tieghu b'ghożża cbira, u ghalchemm iddaŭŭru ma ŭaslu Malta, madancollu ħalleŭ haŭn tifchira l'iżjed sabiħa tal migja taħħom, daks chemm gharfu igibu-rŭieħhom tajjeb bi kdusija li ma bħalha.

*(Maklub bil Malti minn*

Dun Ġiużepp Farrugia,

*(Cappillan ta li Sptar Connaught.)*

## Li Storja tal Papiet.

I.

### San Pietru,

kaghad f'Ruma 25 sena, xahrejn u seba' ti jem.

Ŭasal fis-sena ta Cristu 42

miet fid-29 ta Ġunju tas-sena 67.

Gesù Cristu chellu tlietin sena, meta biddieher tà bidu biex iŭakkaf il Cnisja tieghu. Huŭa mar jokghod f'Cafarnaŭ, belt li tigi fuk il ghadira ta Genezaret, bejn Żabulon u Neftali. Fil ŭakt li chien miexi fix-xatt tal ghadira, jilmaħ lil Xmuni bin Ġona jitfa' ix-xbiec tieghu ghas-sajd, sejjaħlu u dan chien lest telak collox u mar urajħ. B'din is-sejjħa Xmuni sar Appostlu. Minn dac il ŭakt Xmuni deher mimli bit-tŭemmin u bl'imħabba. Hu chien l'eŭŭel li stkarr li Gesù huŭa Alla u li l'eŭŭel kabeż ghaliħ fl'Ort. Gesù lakkmu *Cefa* jeŭ *Kefa* u ŭeghdu li jaghmlu *Cap* ta cullħadd, ŭeghda li giet mitmuma meta ŭara li kam minn bejn li mŭiet deherlu u kallu: « Pietru, irgha il ħrief tieghi,irgha in-naghgiet tieghi.» Pietru, immela, sar il *kefel* sħiħ tal Cnisja ta Gesù Cristu. Ha f'idejħ l'imfietaħ tal Cnisja u sar ir-raghai tal merħla ta Gesù Cristu.

Minn chif San Pietru sar Cap tal Cnisja, ŭara it-tluħ ta Gesù Cristu fis-Sema, bida jaghmilha ta Papa. Hu chien li ħabrec biex San Mattija jigi maghżul Appostlu f'lôc Ġuda li ittradixxa il Cristu. Huŭa ghamel bosta miracli; ċanfar l'Ananija u il Saffira, li ŭakghu mejjtin f'riġlejħ; iccastiga li żball ta *Xmuni is-saħħar.* Ŭara li ghamel iskof

—Sabiħa tas-seŭ il poeżija tal Marchis Ramiru Barbru għall'*Innu tal Madonna*; u, bla xejn dubju, il mużica tas-Sur Mast Orlandu Crescimannu, ŭieħed mill'akŭa Mgħallmin li għandna, ma tagħmilx għajb lil dic il poeżija. Il Għaŭdxin, li jafu jagħżlu il kamħ mis-sicrana, irħeŭ-ruħhom f'idejn żeŭġ Professuri Maltin, li ma jonkoshom xejn biex jersku kuddiem l'aħjar Chittieba ta Barra għall ħaġa il ŭaħda u għall'oħra. Nifirħu lill magħżulin u lil min għażilhom, chif ucoll niżżu-ħajr lit-Tabib Dr. Ġanni Gulija, ŭieħed mill'ekdem u mil għeżeż ħbieb tagħna, li għoġbu jibgħatilna il poeżija tal Professur Barbru.

## Chitbulna:—

I

Sabiħ u sabiħ tas-seŭ chien l'articlu tas-Sur *S.C.Z.* li deher fl'aħħar edizjoni tal *Habib*. Din il marda daħlet il ġeŭŭa iż-żejjed, in-nisa tagħna ma iridux jifmuha li chif icunu imdandlin fil festi bi lbies ftit u xejn decenti, ma għandhomx x'iriduha il Cnisja, la ma icunux b'dac il 'lbies onest li jixrak ŭieħed jidħol biħ ġeŭŭa id-Dar t'Alla.

In-nisa jokogħdu ħafna għall *moda*, l'ankas jilħku jaraŭ il Figurin li ma tarahomx ħitulec ħŭejjiġhom bħal tal Ballarini. Basta jisimgħu għal dac li ighid il Figurin! (Ħalli iħanbku *S.C.Z.* u oħrajn; għax il chelma taħħom tmur fir-riħ). Għalchemm, xi dakkiet, jesageraŭ ucoll, għax fil Figurin issib ħafna qŭalità ta 'lbies. Araŭ chemm tchellem tajjeb *S.C.Z.* fl'articlu tiegħu *Nispiċċaŭha*!

Darba ŭaħda, incun nittraversa fuk Lancja mil Birgu għall Belt, u fost il Passiggieri chien hemm żeŭġ Reverendi Ingliżi Protestanti: nismaħħom ighidu bejniethom ħafna cliem fuk il lbies li ixiddu in-nisa Maltin.

Saħansitra, ŭieħed minnhom li chien ftit xiħ (actarx li chien l'Iskof ta Gibiltà, chif smajthom ighidu) chellu ħila ighid lill'ieħor: *You see, these is Roman Catholic?* F'kalbi jena għedt: Nixrobha għax timmeritana; ġà la darba in-nisa tagħna jogħġbuhom ħafna il custumi tal *Parigini*. U chemm chien jagħmel taijeb S.C.Ż. chiecu bagħat xi ftit copji tal *Habib* jitkassmu il Cnisja tal Giżŭiti, dac in-nhar tal Laŭrja! X'effett chien jagħmel cliemu f'dac il ħin li il Cnisja chienet kisha *Anfitiatru*, minn daŭc li chienu imŭakkfin fiż-żmien li il Cnisja chienet perseguitata. Vergonja għalina Insara, imbasta nippretenduha ħafna li aħna minn ta kuddiem u f'collox!! Imbagħd, m'aħniex capaci nokogħdu ftit decenti fil Cnejjes. Mhux żgur li meta Cristu cheċċa il Lhud mit-Tempju, chienu kiegħdin jagħmlu actar milli għamlu l'Insara fil ġurnata tal Laŭrja; u frattant daŭc ma isibu (minn Laŭrja għal oħra) min icheccihom ħadd!!!

Issib min ighidlec: Imma dac in-nhar il Cnisja ma tcunx *Sagramentali?* Eħ! trid tghid int li il Cnisja ma tcunx Sagramentali, allura jistgħu isiru cull xorta ta abbużi, bħallichiecu meta Cristu cheċċa il Lhud mit-Tempiu, il Cnisja ta 'llum m'hix bħal dic consagrata ll'Alla?

Jecc din il marda iridu tas-seŭ li jaktgħuha, jisseħbu ma *S.C.Ż*: lôc icollhom fejn isemmgħu il vuci taħhom u ġurnali ucoll biex jictbu dac li tħoss il kalb; allura jista' icun li *nispiċċaŭha!*

L'Isla, 9-8-13.

G. D. Gnni.

II.

**St. Helen's Preparatory School**

Fl'Oratorju ta Birchircara.

Din l'Iscola immexxija mil Frères kiegħda f'ŭieħed mill'isbaħ postijet ta Malta għall'arja, fit-triek ta San Giljan, għaxar minuti bghid mil Ferrovija u mit-Tramm, milħuka ucoll mill'Imsida, ħal Balzan, ħal Lija u ħ'Attard.

It-tfal jiġu ippreparati għall'esamijet tal Liceo u tat-tarzna u għall'esamijet oħrajn, u jitgħallmu tajjeb u b'mod ŭisk pratticu l'Ingliż, it-Taljan u il Franciż.

Il ħlas hu *erba' xelini* fix-xahar jeŭ sitta għal tnejn ta l'istess familja.

It-tfal li m'humiex minn Birchircara jistgħu jieħdu l'ichel maħħom u jokogħdu fl'iscola f'nofs in-nhar, inducrati minn ŭieħed mil Frères.

L'Iscola tibda fl'eŭŭel ta Settembru li ġej. Min irid xi informazzjoni oħra ichellem jeŭ jicteb lill

Brother Lambert,
Direttur ta l'Oratorju,
Birchircara.

III

Il Belt,
13 ta Aŭŭissu 1913.

Sur Direttur
Ġusè Muscat-Azzopardi,

Nitolboc jecc jogħġboc li tippermettili ftit ta li spaziu fil ġurnal imfaħħar li jena assocjat fiħ *Il Habib*, sabiex ingib xi ħaġa fuk il meŭt taz-ziju tiegħi li hua Fra Rosario Capuccin, li chellu 64 sena u chien ilu il Cunvent, jaħdem dejjem, 45; u issa dan l'aħħar chien ilu sentejn marid; u ŭara daŭn is-sentejn, f'lejliet San Dumincu, 3 ta Aŭŭissu, chien kiegħed fil Porterija u f'dakka ŭaħda ittiħ Apoplesija u ŭaka u ħabat nagħsu u qŭasi ħareġ demmu collu.

Indunaŭ il Patrijet u malajr għamlulu il Grizma u bagħtu għat-tabib Bonnici u it-tabib ma satax isib mezz tal ferita li għamel: għalhecc bagħtu għat-tabib Camilleri u l'ankas ma sata' jagħmel xejn: għalhecc ŭara ftit giè ittrasportat l'Isptar: hemmhecc immedicaŭħ u bagħtuħ fis-sodda, fejn, ŭara li dam hemm 4 ti jiem, ħalla ħajtu biex imur igaŭdi talli għamel: l'għada giè ittrasportat fil Cunvent ta Santa Liberata, fejn hemm sarlu l'offizzju u giè midfun.

Nirringrazzjac tal fastidiu li ħadt bija.

Għoddni dejjem ħabib u socju,

Paolo Portelli
295, Sda. San Paolo.

## Minn gimgħa għal oħra.

Mħabba fin-nukkas tal ŭisa' il *Proto*, dac li jgħakkad il ġurnal għal istampa, ħalla minn barra dac li conna ctibna taħt id-data tal 5 ta Aŭŭissu. Għad li sejjra tcun frotta barra minn żmienha, ngibuh il-lum, ħalli ma icunx niekes id-*Djarju* tagħna. *Djarju* ifisser ġabra bil mictub ta collma jiġri ġurnata ŭara l'oħra, seŭseŭ chif kegħdin nagħmlu aħna.

*5 ta Aŭŭissu*—Filgħodu, fil għaxra seŭŭa, fil Cnisja tal Gisŭiti taŭ il Laŭrja. Chienu hemm il Professuri tal Università u's-Surmastrijet tal Liceo collha barra minn xi ŭieħed, tnejn. Floc ir-Rettur tal Università, li iħossu ħażin, kagħad il Prof. Dun F. Sciberras D.D., u floc l'Assistent tad-Direttur, li ħareġ bil pjazza l'eŭŭel tax-xahar, kagħad il Prof. G. Caruana LL.D. Fil Cnisja ma chienx hemm fejn titfa' labra, għax chienet mimlija bħal bajda. Daŭc li chienu għal Laŭrja kraŭ il *professjoni tal fidi*, jigifieri stkarreŭ ħaġa b'ħaġa dac collu li temmen u tgħallem il Cnisja Cattolica u mbagħad il Prof. T. Zammit M.D., kara discors bit-taljan, li biħ niseġ l'istorja tal Università tagħna, mindu bdeŭŭha il Gisŭiti sa żmien'na. Chif spiċċa taŭ żeŭġ bucchetti, ŭieħed lil Prof. Dun F. Sciberras D.D., li chien jippriesidi, u ieħor lilu, ŭakt li il musica iddokk. Ŭara intagħtat il Laŭrja lil tnejn fit-Teologija lil tnax il tabib u l'it-tmientax l'avvucat ġodda; il Prof. Dun F. Sciberras għamel discors żgħir bil latin u'l laŭrjati ħadu il ġurament li jibkgħu fidili lejn ir-Re. Ħadu mbagħad b'id il Professuri u b'dan għalket il funzjoni. Chien nofs in-nhar dakk.

Bħala Maltin nifirħu naraŭ ħafna żagħżagħ jgħaddu il kuddiem, imma bħala nsara nħossu kalbna tingħafas. Liema għarucażijet u x'għagħa chien hemm ġol Cnisja! Saħansitra xebbiet telgħu jokogħdu bilkiegħda fuk il mensoli tal artali, ibandlu riġlejjhom u iħabbtuhom mgħal ventartali. Għax il Laŭrja, chif jixtieku in-nies collha seŭŭa, ma issirx ġos-Sala tal Bibljoteca, la darba xi nies jonksu dac in-nhar hecc bl'icreħ lejn id-Dar mkaddsa t'Alla?

*8 ta Aŭŭissu* — Ittri minn-nies li marru il Canada gejjin bħax-xita minn collimchien u collha iseŭdulec kalbec. It-tieni tal Brasil. Jicteb ŭieħed minn Toronto:—Araŭ xi rvina giet fuk pajjisna, għal daŭc collha li biegħu min deheb il mara, min l'ingenji.... Nixtiek Alla iħallimcom b'chif l'imsejċna Maltin jinsabu bil ġuħ u mimlijin bil.... Daŭn collha bcejjeċ tal Agenti, biex jaħdmu il vapuri.—

—Fl'aħħar *concors* tal musica li sar Perugja, fl'Italja, fost 117 li ħadu sehem, ħareġ l'eŭŭel is-surmast tal Banda tal Mizzja, is-sur Ġann Sammut. Bagħat żeŭġ bcejjeċ: *intermezz*, li għalih taŭh l'eŭŭel premju, *diploma* b'midalja tad-deheb, u *marċ* li giè fih it-tielet u kala' *diploma* ieħor b'midalja tal fidda. Nifirħulu, li, għalchemm għadu żagħżugħ, chellu il ħila jakbeż u iħalli ŭaraih mija u sittax il ŭieħed. Le, ma tonkoshomx il ħila lil Maltin, jonkos biss min iħarrigħom u jimbottahom. It-tagħlim haŭn Malta għadu l'ura f'bosta frieghi.

*9 ta Aŭŭissu*—Il Gvernatur, mitlub mil Cumitat tax-Xirca biex tiġbed l'haŭn il frustieri, accetta li icun il President Onorarju tagħha. Ŭera ruħu ferħan b'din ix-Xirca u għandu f'moħħu li tcun ta gid għal Malta. Jecc is-seħħ; għax haŭn collox jibda bil cbir, u mbagħad ŭara ħafna għageb jibred u jispiċċa fix-xejn. Sachemm natu isimna lil Cumitat collox seŭŭa, id-doħħan jogħġob lil collħadd; imma malli jibda ix-xogħol u't-taħbit il biċċa il cbira ibeŭux baxx baxx. Nħobbu iż-żejjed lilna nfusna. Imma ngibu u nżommu dejjem kuddiem għajnejna li aħna ngħixu magħ xulxin, il cbir mgħaż-żgħir, sensila ŭaħda.

—Laħku ħdax il Procuratur Legali, u fosthom is-Sur Ivo Muscat Azzopardi, bin il maħbub Direttur tagħna. Nifirħulu u miegħu nifirħu lil oħrajn collha, u nixtikulhom dac li trid kalbhom, xogħol u hena dejjem.

*11 ta Aŭŭissu*—Il Gvern jgħarraf, għal finijet tal ligi, li il belt ta Ħajfa, fis-Sorija, m'hix iżjed magħduda bħala loc mnigges bil colera.

—Il Flotta tal Mediterran fis-satax ta dan titlak mil port tagħna u ma tarġgħax tigi kabel l'aħħar ta Ottubru.

—Għaddiet mil Cunsill *Ordinanza* jeŭ ligi, li giet il bieraħ *ippromulgata* (mgħarrfa lil poplu biex tcun mħarsa) fuk il Gazzetta tal Gvern. Scond di 'l ligi il *minorenni* (jigifieri daŭc li għadhom ma għalkux tmientax il sena) jecc jagħmlu xi ħaġa li għaliha icun ħakkhom il ħabs, floc ma l'Imħallef jeŭ il Magistrat jibagħthom Cordin, jagħlakhom ġo Istitut. Issa il Gvern għandu jagħżel l'istituti u jippubblicahom, u ŭara tlietin ġurnata il ligi tibda'. Ħaġa kaddisa u minn żmien mixtieka. Chemm tfal jaħasra! daħlu anġli u ħarġu dimonji minn ġo Corrdin, chienu kabel ħrief u saru sriep hemm! U hecc ŭara li is-società ħalsitilhom biex żammithom hemm magħlukin

bil fehma li jirmendaŭ sfalha agħar; imma minn ġol istituti għandhom joħorġu aħjar u's-socjetà tbierec il flus li tcun nef kitilhom. Seŭŭa mela għedna li di 'l ligi hi kaddisa u maħsuba ŭisk bil għakal. B'din l'Ordinanza tneħħeŭ ucoll il Krati tal Campanja, minn dac in-nhar li għandu jgħarraf il Gvern. Daŭ 'l krati chienu jisŭeŭ chemxa flus għal Caxxa għad li għat-taksim tax-xogħol u għal comodità ta xi nies, mux tal Magistrati u tal avvucati, chienu actarx aħjar.

*14 ta Aŭŭissu*—Il Curunell Roupell, id-Direttur Generali tal Posta, telak mil impieg. Igħidu li li min jagħmlu flocu ma jatuħx actar ħames mit lira fis-sena, imma tliet mija u ħamsin, u ineħħuh mil Consill. Seŭŭa; għax chellu iż-żejjed, u bżonnu fil Consill ma hemmx, la darba daŭc li hemm kegħdin biss biex ibaxxu rashom.

—Il bieraħ miet l'Isptar certu *Karl Metzen*, germanis. Dan, xi gimgħa ilu, chien kiegħed bilkegħda fuk ħoġor it-tieka tad-dar tiegħu għal frisc, x'ħin għajnu marret bih u hu batta għal isfel. Ma chienitx ŭakgħa dic tiegħu!

Hareġ il Programm tal Festi Centenarji Costantinjani. Mżeŭŭak chemm jista' icun. Festi ġol Cnejjes u barra; pellegrinaġġ għal Cnisja tal Cabuccini tal Furjana, tridu il Gesŭiti, accademja, festa fuk il baħar, cotra cbira ta bniet u subien għad-dejjin mit-triekat icantaŭ, innu fil piazza San Ġorġ u ġuogodifogu cbir fuk ix-xhara tal Furjana; processjoni mil akŭa; f'chelma ŭaħda Congress ieħor fiċ-ċocon. Seŭŭa conna għidna li il Cumitat ta daŭ 'l Festi m'hux beħsiebu iħalliha tibka' l'ura lil Malta f'it-turija ta fidi u ta ferħ mkaddes li saret għal da'ċ-Centenarju mgħad-dinja collha.

Il Habbàr.

TIŻŻIJA TA HAJR

Mil kiegħ ta kalbna niżżu ħajr lil daŭc li refgħu leħenhom magħna u chitbu fuk il *Malta Tagħna*, ħalli ighiddbu lil Salvu Agius minn dac li hu chiteb f'dac 'l ġurnal fuk ix-Xirca Cattolica. Cliemhom chien ta faraġ cbir għalina u għamlilna il kalb biex actar naħdmu. Aħna tajna kalbna, mux biss, imma moħħna u żmien'na collu għax-Xirca, li Alla għoġbu jorbotna magħha. Katt ma nafu li ħassejna kalbna miġbuda daks chemm lejha, jeŭ li ħdimna actar bil kalb milli għaliha. Minn xi dakkiet nduru nagħmlu di 'l mistoksija lilna nfusna:—L'għaliex haŭn ħaġa ħażina rari issib min igħid xi chelma contra tagħha għal ftuħ tal għajnejn, u ħaġa tajba ikumu għaliha mit ŭieħed?—S'issa il ġurnali li għandna bil malti collha sabu x'igħidu fukna, il-lum ħaġa u għada oħra. Imma aħna nieħduh dan bi *pronosticu* tajjeb, billi nafu li l'ebda ħaġa tajba ma chien hemm, li ma kamx għaliha il baħar, li ma ġarrbitx coll tfixchil, li ma għaddietx mis-slaleb collha.

DUN PAŬL.

## Ma dûar id-dinja.

*Gŭerra*—Chif ħabbarna fin-numru ta kabel, il paci bejn li Stati tal Balcani inghakdet, għad-dmir fuk collox, chif ighidu, ta Gulielmu, l'Imperatur tal Germanja, u Carlu, ir-Re tar-Rumanija. Urejna ucoll il biża tagħna li dina il paci ma isseħħx u nibżgħu li ma morniex imkarrka, għaliex f'discors li żamm ir-Re tal Bulgarja, ŭara it- *Te Deum* li għall paci giè cantat fil Catidral, naraŭ theddida ġdida lill Grecia u lis-Serbja, mita mar ighid lis-Suldati tiegħu: «Morru, iva, darcom, tŭettku u arġgħu morru għax-xogħol tagħcom u lestu l'uliedcom u lill'ulied uliedcom, sabiex icomplu ix-xogħol li aħna bdejna.»—Mentri, mbgħad, il condizzjonijet tal paci fuk it-tkassim tal art ma tantx għoġbu lill'Aŭstrja u lir-Russja, telegramm igħarrafna li ŭara il għakda tal paci chien hemm taktigħa cbira bejn il Montenegrini u is-Serbi, li ġà daħlu fl'art tal oħrajn.—Nies ta bliet fil Montenegru irvellaŭ ucoll għaliex ma iridux jokogħdu taħt il jasar ta dac li Stat.

It-Turchija, imbgħad, ċar ċar kaltilhom li ma fi ħsiebhiex trodd Adrjanopoli! Jokogħdu għaliha li Stati tal Balcani? X'jagħmlu il Potenzi u fuk collox ir-Russja? Għalhecc, minn f'lôc paci, aħjar insejjħulha *mistrieħ*.

*Franza* u *Germanja* — Fil ŭakt li battaljun ta truppi franciżi chien jagħmel il manuvri fil frontiera li taksam il Franza mil Germanja, f'dakka ŭaħda sab ruħu ŭiċċ ma ŭiċċ ma riġment tal fanterija Germaniża, li ucoll chien jagħmel il manuvri. Iż-żeŭġ riġmenti ŭakfu kuddiem xulxin: u il Fizzjal germaniż sellem lit-truppa franciża, li hi ucoll sellmet lill'oħra. Imbgħad, il Franciżi, b'compliment, marċaŭ kuddiem il Germaniżi, li sellmulhom b'li sparar ta canuni żagħr li chellhom maħħom. Meta, imbgħad, il Germaniżi chienu tbegħdu, il Fizzjal franciż għamel *discors* lin-nies tiegħu u bil *bugles* indakket il *Marsilies*.

*Però*—Fil Però sâr terremot kaŭŭi bil bosta. Raħal giè mekrud u mietu ħafna nies.

*Inghilterra*—Is-suffragisti ittentaŭ jaħarku scola f'Sutton, li fiha il Ministru Llyod George chellu jitchellem man-nies tal minieri.—B'xorti, il Pulizija intebħet u irnexxielha titfi il miċċa, li chienet ġà kabbdet camra ta li scola, u li għaldakstant chellhom jibagħtu għall pompieri.

*Italja*—Is-Socialisti ta Milan ordnaŭ xjopru lill ħaddiema collha.—Il Fanterija u il Cavlerija, chemm ucoll l'Artellerija, jinsabu imkassmin mal belt u eluf ta nies ta condotta ħażina geŭ arrestati.—Fhema taħhom li dan ix-xjopru jigi imxerred mal Italja collha, u ġà f'Ruma u fi bliet oħra giè ipproclamat, imma ma donnux seħħ. Dana hu collu effett ta nukkas tar-Religjon.

L.M.C.G.

TALBA TA CULL-JUM

## lil San Ġuda Taddeû

APPOSTLU

*GHALL BŻONNIJET COLLHA.*

SAN ĠUDA TADDEŬ, Avucat tiegħi l'actar kaŭŭi, arani haŭn f'riġlejc, imcecchen u sogħbien, biex, kalbi niedma, nistkarr miegħec cull-ma naħtieġ għar-ruħ u għall gisem. Daŭŭar għajnejc fuki, o Kaddis ta min iħobboc, u ara b'liema taħbit jen imħabbat: taħbit li kiegħed jagħfas il kalb micduda tiegħi. Jecc hu minnu li f'sidrec għandec kalb miġbuda għall gid u tħobb tagħder lil min jinsab imdejjak, ma nemmenx li inti tista tħares lejja mingħajr ma tissogra ħniena u tieba għalija. Mitluk, mela, f'idejc u jesi collu fic, għax naf li int imdorri takbeż għal min jinsab fi bżonnijet acbar minn tiegħi, nagħmel il ħila u nersak kuddiem it-trôn tal kdusija tiegħec, biex infissirlec il bżonnijet li għalihom gejt nitlob lilec.... (*Haŭn jissemma dac li ŭieħed icun irid jakla'....*)

Ejja, mela: fittex idħol għalija kuddiem Alla u farraġ din il kalb magħdura. La darba min hu actar lejn il għajn tal ħniena t'Alla, actar jista jimla' grazzi cbar minnha, int, li, bħala kraba ma Gesù Cristu u Appostlu l'iżjed ħaddiem tiegħu, kiegħed ħdejn dic il għajn imkaddsa, tista timla għalija l'ilma ta grazzi mill'akŭa. Katt għadu ma nstama li min tac kima u resak lejc f'hemmu biex jiftaħ kalbu miegħec, telak bla mfarraġ minn taħt it-trôn tal ħniena tiegħec, għax inti taf issib chif tgħin lil min jitolboc takbeż għaliħ u għandec ir-rieda collha li teħelsu min-nichet tiegħu. Mela, la inti tista, u taf, u trid tgħini, jena fic inkiegħed it-tâma u id-dheŭa tiegħi collha. Tkanklec is-sogħba tiegħi. Tiġbdec lejja il ħsara li ninsab fija ....Farraġni u eħlisni minn dan il hemm collu....ħalli, msabbar fid-dŭejjak ta din il ħajja, ŭara l'incun ħabbejt l'Alla u ħdimt għaliħ b'kalbi collha, nista ġurnata icolli sehem mil hena bla kies fil ħajja ta dejjem. Hecc icun.

Missierna, Sliema u Glorja.

Mil Lucerna tal Hajja. — 69. Katt tgħid fukec chelma tifħir jeŭ tfaħħar il min hu ħaj: aħrab imbażża minn min ifaħħrec.

FRAC TAD-DEHEB.

Tgħidu: cûl għal kalbec u imxi għal għajn in-nies. Jen ngħid: kiegħed idec fuk kalbec, arfa' għajnejc lejn Salib; u jecc ma tħoss ebda taħbit ħażin geŭŭa sidrec, tieħu xejn għal dac li igħidu in-nies.

KAŬL MALTI.

Min jatic, jeŭ ħa jeŭ għad irid.

✝

Itolbu għall mistrieħ tar-ruħ għażiża ta GJUSEPPI ŻAMMIT, li miet ħal Luka, ŭara marda kalila ta sentejn sħaħ, fis 7 ta dan ix-xahar, ta 66 sena, imfarraġ bil għodda t'Alla.

Habib tagħna minn tfulitna, nistgħu ngħidu b'ŭiċċna minn kuddiem li chien ragel seŭŭa u ħaddiem, missier mill'aħjar u miġbud ferm għall Cnisja.

Chellu ix-xorti imut f'idejn ibnu, ir-Reverendu Patri Lettur Leonardu, għażiż ħabib tagħna. Il għomor lilu u lil min bakgħalu.

Id-Direzzjoni.

✝

B'għokla cbira ta kalbna u bid-dmugħ f'għainejna nħabbru il meŭt tas-Sinjura VIRGINJA, mart in-Nutar Gjużeppi Żammit, P.L., Direttur tar-Registru Publicu u Archivista tal Gvern.

Il firda taħħa minn din id-dinja ħalliet ħasra cbira, u bchiha cullħadd, għaliex chienet tas-seŭ mara ta kalbha f'idejha, mżejjna bit-tieba u il kdusija, u ta min igħożżha għal-l'imgiba tal ħleŭŭa taħħa saħansitra mal fkajjrin, li dejjem sabuha ta faraġ cbir fil għacs u id-dŭejjak taħħom.

Għarfet trabbi l'uliedha fil biża mkaddes t'Alla, u nistgħu ngħidu li chienet xempju ħaj tal ommijet.

Il funeral sabiħ li sarilha haŭn ir-Rabat tal Imdina, fejn ħadu sehem l'aħjar nies tal Gżira, juri bid-dieher x'chienet issarraf, u chemm tabilħakk chienet maħbuba.

Hi ittajjret għall ħdan t'Alla nhar is-Sibt tal gimgħa l'oħra, —9 ta Aŭissu,— fil 5 ta ŭara nofs-inhar.

Chellha 48 sena.

Il karrejja tal *Habib* huma mitluba jiftacru fiha fit-talb taħħom.

D. G. F.

MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

MISTOKSIJA.

F'bieb magħluk chif jistgħu jidħlu fuk tmin tużżani kasab mil cbar?....

S. S.

L'aħħar *Xarada* chienet:

Tis-lima — *tislima*.

Giebuha tajjeb: mil Belt, ir-Rev. Dun G.G., is-Sinjura Caterina Borġ u is-Sur Ŭigi Busuttil.—Hadd actar! Ftit!